# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

**MAGISTRAT Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 23 ta' Lulju 2002**

Citazzjoni numru 50/2002

Emanuel sive Lino Mangion

-vs-

Bowery Company Limited

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Gunju 2002 fejn l-attur wara li ppremetta illi permezz ta' skrittura privata datata 31 ta' Ottubru 2001, preservata ghand in-Nutar Dottor Peter Fleri Soler, is-socjeta' konvenuta ddikjarat li rceviet minghand l-attur is-somma ta' sebgha u sittin elf liri Maltin (Lm67,000) liema somma inghatat mill-attur b'titolu ta' self lis-socjeta' konvenuta li accettat bl-istess titolu ta' self, dakinhar stess, sabiex l-istess somma ta' flus tintuza mis-socjeta' konventua ghax-xiri ta' proprjeta' fi Triq il-Mimosa, Pieta' (Dok EM1);

Illi ai termini ta' l-sitess skrittura privata l-imsemmija somma ta' sebgha u sittin elf liri Maltin (Lm67,000) kellha tithallas lura lill-attur mis-socjeta' konvenuta sa mhux iktar tard minn tliet xhur mill-31 ta' Ottubru 2001, cioe' mid-data ta' l-istess skrittura privata, minghajr imghax basta li l-imsemmija somma tithallas lura fiz-zmien stipulat;

Illi sal-gurnata ta' llum, nonostante dak premess fl-iskrittura privata tal-31 ta' Ottubru 2001, is-socjeta' konvenuta ghadha ma hallsitx lura lill-attur tali somma ta' sebgha u sittin elf liri Maltin (Lm67,000).

Illi ghalhekk l-attur huwa kreditur tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' sebgha u sittin elf liri Maltin (Lm67,000) rappezentanti s-somma hekk moghtija mill-attur lis-socjeta' konvenuta b'titolu ta' elf kif aktar 'il fuq premess.

Illi illum l-imsemmi ammont dovut mis-socjeta' konventua lill-attur huwa kreditu cert, likwidu u dovut ta' l-attur fil-konfront tas-socjeta' konvenuta u fil-fehma ta' l-istess attur jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh billi fil-fehma ta' l-istess attur is-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont maghmula kontra taghha mill-attur (Dok EM2);

Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas inkluza ittra ufficjali datata 26 ta' April 2002, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallsitx lura dak minnha dovut lill-attur.

Talab li din il-Qorti:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-attur bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lura lill-attur is-somma ta' sebgha u sittin elf liri Maltin (Lm67,0000) liema somma l-istess socjeta' konvenuta ddikjarat li rceviet minghand l-istess attur b'titolu ta' self, permezz ta' skrittura privata datata 31 ta' Ottubru 2001.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 26 ta' April 2002 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni u bl-imghax legali dekorribbli mill-31 ta' Ottubru 2001 sad-data ta' l-effettiv

pagament, kontra s-socjeta' konvenuta rapprezentanti ta' liema huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Rat in-nota ta' ammissjoni tas-socjeta' konvenuta pprezentata fl-udjenza tal-lum stess.

Peress illi t-talbiet ta' l-attur jirrizultaw gustifikati kif jirrizulta mill-ammissjoni tal-konvenut tilqa' l-istess talbiet u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lura lill-attur is-somma ta' sebgha u sittin elf liri Maltin (Lm67,000) bl-imghax mill-31 ta' Ottubru 2001 liema somma l-istess socjeta' konvenuta ddikjarat li rceviet minghand l-istess attur b'titolu ta' self, permezz ta' skirttura privata datatat 31 ta' Ottubru 2001.

Tordna pero' li din is-sentenza ma tkunx esegwibbli qbael sitt xhur mil-lum.

Spejjez ghas-socjeta' konvenuta.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur